31997D0757

12.11.1997 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 307/33

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-6 ta' Novembru 1997

li tippreskrivi l-kondizzjonijiet speċjali li jirregolaw l-importazzjonijiet tal-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura li joriġinaw fil-Madagaskar

(Test bir-relevanza għaż-ŻEE)

(97/757/KE)

Il-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkonsidrat it-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkonsidraw id-Direttiva tal-Kunsill 91/493/KEE tat-22 ta' Lulju 1991 li tistipula l-kondizzjonijiet tas-saħħa dwar il-produzzjoni u t-tqegħid fuq is-suq ta' prodotti tas-Sajd [1], kif l-aħħar emendata bid-Direttiva Nru. 95/71/EC [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 11 tagħha,

Wara li kkonsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/675/KEE ta' l-10 ta' Diċembru 1990 li tippreskrivi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni tal-verifiki veterinarji dwar prodotti li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi [3], kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 96/43/KE [4], u b'mod partikolari l-Artikolu 19 (7) tagħha,

Billi espert tal-Kummissjoni wettaq żjara ta' spezzjoni fil-Madagaskar biex jivverifika l-kondizzjonijiet li taħthom huma magħmula l-prodotti mis-sajd, maħżuna u mibgħuta lejn il-Komunità;

Billi d-disposizzjonijiet tal-leġislazzjoni tal-Madagaskar dwar l-inspezzjoni tas-saħħa u s-sorveljanza tal-prodotti mis-sajd jistgħu jitqiesu ekwivalenti għal dawk preskritti fid-Direttiva 91/493/KEE;

Billi, fil-Madagaskar id-*Direction des services vétérinaires (DSV) du ministère de l'élevage* hija kapaċi li tivverifika effettivament l-applikazzjoni tal-liġijiet fis-seħħ;

Billi l-proċedura għall-ksib tac-ċertifikat tas-saħħa msemmi fl-Artikolu 11 (4)(a) tad-Direttiva 91/493/KEE għandu jkopri wkoll id-definizzjoni ta' ċertifikat mudell, il-ħtiġiet minimi fir-rigward tal-lingwa(i) li fiha għandu jkun imfassal u l-grad tal-persuna li jkollha s-setgħa li tiffirmah;

Billi, skond l-Artikolu 11(4)(b) tad-Direttiva 91/493/KEE, marka għandha tkun imwaħħla mal-pakketti tal-prodotti mis-sajd li tagħti l-isem tal-pajjiż terz u n-numru ta' l-approvazzjoni ta' l-istabbiliment, maħżen tat-tkessiħ u bastiment li jifriżża ta' l-oriġini;

Billi, skond l-Artikolu 11(4)(ċ) tad-Direttiva 91/493/KEE, lista ta' stabbilimenti approvati, maħżen tat-tkessiħ jew bastimenti tal-friża għandha titħejja; billi dik il-lista għandha titħejja fuq il-bażiku tal-komunikazzjoni mid-DSV lill-Kummissjoni; billi huwa għalhekk għad-DSV biex tassigura l-konformità mad-disposizzjonijiet preskritti għal dak il-għan fl-Artikolu 11(4) tad-Direttiva 91/493/KEE;

Billi DSV pprovda l-assikurazzjonijiet uffiċjali fir-rigward tal-konformità mar-regoli preskritti fil-Kapitolu V ta' l-Anness li jinsab mad-Direttiva 91/493/KEE u dwar it-twettieq tal-ħtiġiet ekwivalenti għal dawk preskritti f'dik id-Direttiva għall-approvazzjonijiet ta' l-istabilimenti, maħżen tat-tkessiħ jew bastimenti tal-friża;

Billi huwa meħtieg li titħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/516/KE ta' l-1 ta' Awissu 1997 li tikkonċerna ċerti miżuri protettivi fir-rigward ta' ċerti prodotti mis-sajd li joriġinaw fil-Madagaskar [5];

Billi l-miżuri li għalihom tipprovdi din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Veterinarju Permanenti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-*Direction des services vétérinaires (DSV) du ministère de l'élevage* għandha tkun l-awtorità kompetenti fil-Madagaskar għall-verifikazzjoni u ċertifikazzjoni tal-konformità tal-prodotti mis-sajd u l-akkwakultura mal-ħtiġiet tad-Direttiva 91/493/KEE.

Artikolu 2

Il-prodotti mis-sajd u l-akkwakultura li joriġinaw fil-Madagaskar għandhom jikkonformaw mal-kondizzjonijiet li ġejjin:

1. kull konsenja għandha tkun akkumpanjata b'ċertifikat oriġinali enumerat, debitament mimli, ffirmat, datat u li jkun jikkonsisti minn folja waħda skond il-mudell f'l-Anness A hawn mehmuż;

2. il-prodotti għandhom ikunu ġejjin minn stabbilimenti approvati u elenkati fl-Anness B hawn mehmuż;

[1] ĠU L 268, ta' l-24.9.1991, pg. 24.
[2] ĠU L 332, tat-30.12.1995, pg. 40.
[3] ĠU L 373, tal-31.12.1990, pg. 1.
[4] ĠU L 162, ta' l-1.7.1996, pg. 1.
[5] ĠU L 214, tas-6.8.1997, pg. 53.

3. ħlief fil-każ ta' prodotti mis-sajd friżati fi kwantitajiet kbar u maħsuba għall-manifattura ta' l-ikel ippriservat, il-pakketti kollha għandu jkollhom fuqhom il-kelma 'MADAGASKAR' u n-numru ta' l-approvazzjoni ta' l-istabbiliment, mħażen tat-tkessiħ jew bastimenti tal-friża ta' l-oriġini f'ittri li ma jitħassrux.

Artikolu 3

1. Ic-certifikati kif imsemmija fl-Artikolu 2(1) għandhom jitħejjew mill-inqas f'lingwa waħda uffiċjali ta' l-Istati Membri fejn jitwettqu l-verifiki.

2. Iċ-ċertifikati għandu jkollhom fuqhom l-isem, il-kariga u l-firma tar-rappresentat tad-DSV u t-timbru uffiċjali ta' dak ta' l-aħħar f'kulur differenti minn dak ta' ċertifikazzjoni oħra.

Artikolu 4

Id-Deċiżjoni 97/516/KE hija imħassra.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fis-6 ta' Novembru 1997.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

L-ANNESS A

ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA

għall-prodotti mis-sajd u l-akkwakultura li joriġinaw fil-Madagaskar u maħsuba għall-esportazzjoni lejn il-Komunità Ewropea, minbarra molluski bivalvoli, ekinodermi, tunikati u gastropdi marini tkun xi tkun il-forma

Numru tar-Referenza: .....

Pajjiż/Territorju tad-dispaċċ: MADAGASKAR

Awtorità kompetenti: Dipartiment Federali tas-Sajd (DSV)
tal-Ministeru Federali ta' l-Agrikulturali Riżorsi Naturali

I. **Dettalji li jidentifikaw il-prodotti mis-sajd**

Deskrizzjoni tal-prodotti mis-sajd/akwakultura (1):

— Speċi (isem xjentifiku): .....

— Preżentazzjoni tal-prodott u t-tip tat-trattament (2): .....

Numru tal-kodiċi (fejn disponibbli): .....

Tip ta' l-ippakkjar: .....

Numru ta' pakketti: .....

Piż nett: .....

Ħażna mehtieġa u temperatura tat-trasport: .....

II. **Oriġini tal-prodotti**

Isem (ismijiet) u n-numru(i) ta' l-approvazzjoni uffiċjali ta' l-istabbiliment(i), mħażen tat-tkessieh approvati jew bastiment(i) tal-friża reġistrati mill-DSV għall-esportazzjoni lejn il-KE: .....

.....

.....

.....

III. **Destinazzjoni tal-prodotti**

Il-prodotti huma mibgħuta

Minn: .....
(post tad-dispaċċ)

għal: .....
(pajjiż u post tad-destinazzjoni)

bil-mezz tat-trasport li ġej: .....

Isem u l-indirizz ta' min jibgħat: .....

.....

.....

Isem tal-konsenjatarju u l-indirizz fil-post tad-destinazzjoni: .....

.....

.....

(1) Ħassar fejn xieraq.
(2) ħajjien, imkessħa, friżżati, immelħa, ipprofumati, priservati,eċċ.

IV. **Attestazzjoni tas-saħħa**

— L-ispettur uffiċjali b'dan jiċċertifika li l-prodotti mis-sajd u l-akwakultura speċifikati hawn fuq:

1. kienu maqbuda u maniġġati abbord bastiment skond ir-regoli tas-saħħa preskritti fid-Direttiva 92/48/KEE;

2. kienu mniżżla l-art, immaniġġati u pakkjati kif xieraq, preparati, proċċessati, friżżati, imdewwba u maħżuna iġenikament b'konformità mal-ħtiġiet preskritti fil-Kapitoli II, III u IV ta' l-Anness li jinsab mad-Direttiva 91/493/KEE;

3. għaddew minn kontrolli tas-saħħa skond il-Kapitolu V ta' l-Anness li jinsab mad-Direttiva 91/493/KEE;

4. huma ippakjati, markati, maħżuna u trasportati skond il-Kapitoli VI, VII u VIII ta' l-Anness li jinsab mad-Direttiva 91/493/KEE;

5. ma humiex ġejjien minn speċi tossiċi jew speċi li fihom tossiċi bioloġiċi;

6. għaddew mill-ivverifikar sodisfaċċenti organoleptiku, parasitoloġiku, kemikali u mikrobijoloġiku preskritt għal ċerti kategoriji tal-prodotti mis-sajd bid-Direttiva 91/493/KEE u fl-implimentazzjoni tad-deċiżjoni li jinsabu magħha.

— L-ispettur uffiċjali hawn taht iffirmat b'dan jiddikjara li huwa konxju bid-disposizzjonijiet tad-Direttivi 91/493/KEE, 92/48/KEE u 97/757/KE.

Magħmula fi ....., fil- .....
(Post) (Data)

Timbru uffiċjali (1)

.....
Firma ta' l-ispettur uffiċjali (1)

.....
(L-isem f'ittri kbar, l-kariga u kwalifikazzjonjiet tal-persuna li qed tiffirma)

(1) Il-kulur tat-timbru u l-firma għandu jkun differenti minn dak tal-partikolari l-oħra fiċ-ċertifikat.

L-ANNESS B

I. **Lista ta' stabbilimenti approvati**

Numru	Isem	Indirizz	Approvat sal
MAD 111 SV	Peche et froi de l'ocean Indien	Antsiranana	1.10.1998
MAD 101 SV	Pecherie de Nossy Be	Nosy Be	1.10.1998
MAD 107 SV	Refrigepeche Ouest	Mahajanga	1.10.1998
MAD 126 SV	Aqualma	Mahajamba	1.10.1998
MAD 151 SV	Pecherie du Menabe	Morondava	1.10.1998
MAD 104 SV	Le Martin-pecheur	Taolagnaro	1.10.1998

II. **List of cooling stores**

Numru	Isem	Indirizz	Approvat sal
MAD EF 03	Aquamen	Tamatave	1.10.1998
MAD EF 04	Refrigepeche Est	Tamatave	1.10.1998

III. **Lista ta' bastimenti tal-friża**

Numru	Isem	Indirizz	Approvat sal
MAD 52-01 SV	Aquamen I	Aquamen	1.10.1998
MAD 52-02 SV	Aquamen V	Aquamen	1.10.1998
MAD 52-03 SV	Aquamen VI	Aquamen	1.10.1998
MAD 52-04 SV	Aquamen XI	Aquamen	1.10.1998
MAD 52-05 SV	Aquamen II	Aquamen	1.10.1998
MAD 52-06 SV	Aquamen III	Aquamen	1.10.1998
MAD 52-07 SV	Aquamen IV	Aquamen	1.10.1998
MAD 52-08 SV	Aquamen VII	Aquamen	1.10.1998
MAD 06-01 SV	Rantabe	Refrigepeche Est	1.10.1998
MAD 06-02 SV	Mangoro	Refrigepeche Est	1.10.1998
MAD 06-03 SV	Fanantara	Refrigepeche Est	1.10.1998
MAD 06-04 SV	Rianila	Refrigepeche Est	1.10.1998
MAD 07-01 SV	Cap St-Augustin	Refrigepeche Ouest	1.10.1998
MAD 07-02 SV	Cap St-Vincent	Refrigepeche Ouest	1.10.1998
MAD 07-03 SV	Cap St-Sebastien	Refrigepeche Ouest	1.10.1998
MAD 07-04 SV	Cap St-Andre	Refrigepeche Ouest	1.10.1998
MAD 07-05 SV	Cap Ste-Marie	Refrigepeche Ouest	1.10.1998
MAD 07-21 SV	Baie d'Ambaro	Crustapeche	1.10.1998
MAD 07-22 SV	Baie de Boina	Crustapeche	1.10.1998
MAD 51-01 SV	Melaky 1	Pecherie de Menabe	1.10.1998
MAD 51-02 SV	Melaky 2	Pecherie de Menabe	1.10.1998
MAD 51-03 SV	Melaky 3	Pecherie de Menabe	1.10.1998